# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 26 ta' Novembru 2001**

**Avviz. numru 858/98**

**Numru 25**

**Mariella Zampa**

**vs**

**John Desira**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas lill-istess attrici s-somma ta' mija disa' u sittin lira Maltin u hamsin centezmu (Lm169.50,0) rapprezentanti spejjes ghad-danni kkagunati fuq il-vettura taghha Ford Fiesta (JAM 383) fl-incident awtomobilistiku li tieghu il-konvenut unikament responsabbli u waqt li kien qed issuq il-vettura tieghu JAE 284 fit-Triq Luqa, Paola fil-14 ta' Novembru 1997 ghall-habta tal-6.45p.m.

Bl-ispejjes. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-istess konvenut li biha eccepixxa (fol 2 tal-atti):

1. Illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjenti izda gara unikament tort u htija tal-istess attrici li naqset milli tosserva ir-Regolamenti tat-traffiku waqt li kienet qed isuq il-vettura numru JAM 383, u konsegwentement ma' hemm l-ebda danni li ghandhom jigu likwidati in liena ta' danni lill-attrici ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti bl-ispejjes.

Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi PS 1382 Joseph Agius (fol 28 et seq ibid) spjega, bhala l-Fizzjal tal-Pulizija li investiga dan il-kaz illi l-istess incident gara f'Luqa Road kantuniera ma Triq tal-Barrani, Rahal il-Gdid u meta gara kien hemm "konfuzjoni fit-traffiku" peress li, f'Triq Santa Lucija, kien qed isir xi xoghol u b'hekk din it-triq kienet maghluqa ghat-traffiku (ara fl-iskizz a

fol 19 ibid). In rigward l-iskizz li sar minnu, dan ma kienx sar fuq il-post minhabba dak li ghadu kemm inghad. Difatti dan kien sar minnu "a basi ta' dak li rajt fuq il-post tal-incident" u "A basi ta' dak li qaluli l-partijiet". L-istess xhud, spjega b'referenza ghall-imsemmi skizz u in rigward tal-incident, li fl-istess lokalita hemm "round about" kif murija fuq l-istess skizz. Inoltre dan ix-xhud esebixxa kopja tar-rapport li fih skond ix-xhud hu nizzel il-versjoni tal-fatti moghtija miz-zewg partijiet involuti f'dan l-incident. Pero jigi notat li fl-imsemmi rapport hemm imnizzel biss "... iz-zewg vetturi kienu qed jduru mar R/About u minhabba miskalkulazzjoni ta' spazju saret il-kollizzjoni (citat "verbatim") (ara ukoll ir-"road accident report" a fol 18 a tergo).

Ikkunsidrat

Illi l-attrici (fol 25 u 31 et seq tal-atti) xehdet li kienet qed issuq fit-telgha li tigi mic-Cimiterju (Tal-Addolorata) sejra fid-direzzjoni ta' Santa Lucija fuq il-"lane" ta' barra ossija fuq il-lemin tat-triq ("mal-bankina"). Fuq in-naha l-ohra tat-triq, ma kienx ghaddej traffiku minhabba xogholijiet li kienu qeghdin jsiru. Kif waslet immedjatament qabel l-imsemmija "roundabout" waqt li kienet qed issuq bil-mod, hi harset lejn il-lemin taghha sabiex tara jekk kienx gej traffiku minn din id-direzzjoni. Peress li rat li filfatt ma kienx gej traffiku, hi qasmet bil-mod lejn ir-"roundabout". F'daqqa wahda, hi rat karozza ohra ddur mal-istess

"Round about", liema vettura kienet "gejja ghal fuqi". F'dak il-hin, hi kellha l-"indicator" mixghul sabiex tindika li kienet ser iddur lejn il-lemin. In rgiward l-istess vettura, li ma setghetx tghid minn fejn kienet gejja, din habtet ma karozza taghha fuq il-bieba fuq in-naha taghha avolja daqqet il-horn.

Ikkunsidrat

Illi l-konvenut (fol 32 et seq ibid) akkompanjat minn martu, Joyce, spjega li kien qed jsuq ukoll, bhal l-attrici, fit-telgha tac-Cimiterju tal-Addolorata izda fuq il-"lane" interna ("man-naha tas-sigar"). Kif wasal vicin l-istess "Round about", hu xeghel l-"indicator" sabiex jindika li kien ser jdur mar-"roundabout" peress li kien ser jidhol f'Triq tal-Barrani sabiex jmur Birzebbugia. Sa hawnhekk, ma kienx ra l-vettura tal-attrici. Kif dar mar-"roundabout" bl-incidator mixghul lejn ix-xellug u kien ser jidhol f'Triq tal-Barrani, hu sema' l-hoss ta' daqqa, liema daqqa kienet fuq quddiem fuq il-"mudguard" tax-xellug. Hawnhekk jinghad ukoll li hu ma qabilx mal-iskizz imsemmi ghar-ragunijiet specifikati a fol 35 tal-atti (ara ukoll ix-xhieda tal-imsemmija Joyce Desira a fol 38 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, sintetizzati l-provi kollha u wara li gew miflija u analizzati, b'certa reqqa, l-istess Qorti tara li z-zewg versjonijiet moghtija mill-partijiet involuti huma ugwalment verosimili u t-tnejn jistghu, fil-fatt u fuq basi ta' probabilta jirriflettu dak li effettivament gara f'dan il-kaz. Ghalhekk la darba din il-Qorti ma hiex konvinta li dak li xehdet l-attrici jirrifletti d-dinamika f'dan il-kaz - u kien jinkombi lilha sabiex tipprova, fuq basi ta' probabilta, dak li allegat fl-avviz in esami - it-talbiet taghha ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici bl-ispejjes, fic-cirkostanzi tal-kaz jibqghu bla taxxa.

Alan Calleja
Deputat Registratur